# In-Nautilus ta' Malta

**Informazzjoni minn Denis Magro u miktub minn Nigel Dingli**

Storja li hija kemxejn stramba iżda seħħet tassew, hija ġrajja li seħħet il-fuq minn 15 il-miljun sena ilu. F'dan il-perjodu, Malta ma kienetx għada teżiżti ħlief qieħ il-baħar, fejn hawnekk kienu jgħixu ċerti tip ta' kreaturi li aħna insibuhom bhala in-*'Nautilus'* jew bil-Malti Dakar. Kienu jiġġerrew fl-ibħra ta' dak iż-żmien u kien hawn ħafna minnhom. Dawn il-kreaturi kienu tal-istess għamla bħall-bebbux, iżda kienu addatati aktar mill-bebbux li nafu bih dan iż-żmien. Dawn kienu kapaċi jimxu fil-livell nofsani tal-baħar, jiġifieri la fil-wiċċ u lanqas imwaħħlin mal-qiegħ. Dawn kienu jimxu permezz ta' *'jett'* naturali li kien jinstab fejn rasu. Xogħlu kien li jdaħħal l-ilma u jisparaha bi pressa l-barra biex b'hekk ikun jista' jimxi u jiċċaqlaq, simili bħal-qarnit u l-klamari. Konnessjoni oħra li għanda x'taqsam man-*'Nautilus'*, hija l-evoluzzjoni li għamel biex b'hekk illum il-ġurnata nistgħu ngawdu minn kreaturi oħra li evolvew minnu bħall-qarnit, il-klamari u s-siċċ.

L-evoluzzjoni li għamlet id-dinja kienet waħda kbira. Meta l-livell tal-baħar naqas u bix-xorti tajba iffurmat Malta fil-wiċċ, b'hekk illum il-ġurnata stajna niskopru fossili ta' dawn il-ħlejjaq li kienu jgħixu madwar 15 il-miljun sena ilu ġewwa l-blat Malti. B'hekk fid-dinja kollha ġew estinti, ħlief għall-ftit ħlejjaq li waħda minnhom hija magħrufa ġewwa l-oċean paċifiku bħala *'Nautilus pompilius'*. Permezz ta' din l-ispeċi, aħna stajna nitgħallmu kif kienu jimxu u jiċċaqalqu l-antenati tagħhom. Saħansitra' ix-xjenzati bdew josservaw kif taħdem is-sistema ċirkulatorja tagħhom biex b'hekk il-bniedem seta' joħloq l-ewwel tip ta' *'submarine'* fejn anke' ġie imsemmi għal din il-kreatura. Mudell ta *'submarine'* li gie kkupjat minnu, ġie mibni minn Harper Goff fl-1954 għall-film tiegħu ta' *'Disney', '20,000 Leauges under the sea.* Ġie bbażat fuq it-teknoloġija tal-ewwel mudell li nbena fl-1868. Ta' min isemmi li l-vapur li bena' Goff, kien krejat fuq il-viżwalizzazzjoni tiegħu stess u mibni minn Tom Scherman Hollywood li kien id-disinjatur tas-sett u Lee Seiner li kien jibni l-mudelli tal-vapuri fid-dipartiment tal-arkittetura navali fl-universita ta' *'California Berkely'*.

B'xorti tajba tal-preservar tal-blat Malti, irnexxielna nsibu bejn ħames u sitt speċi differenti ta' fossili. Nixtieq ngħid tal-aħħar li din l-għamla sabiħa intogħġbot u ntgħażlet mix-xjenzati biex tintuża' bħala sinifikat ta' minn fejn beda jeżiżti l-bniedem sal-ġejjieni.



*'Aturua aturi'* fossilu ta' Malta



In-*'Nautilus'* minn ġewwa



In-*'Nautilus'* li għadu jeżisti



Fossilu ġdid ta' Malta misjub minn Denis Magro



Dakar ta' Malta rari




Il-mudell tas-submarine li ġie bbażat fuq in-*'Nautilus'*

